**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 289/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Attard)**

**vs.**

**James Peplow**

Illum it-12 ta' Ottubru 2021

Il Qorti:

Rat li l-pulizija ressqet lil James Peplow ta' 41-il sena bin Louis u Carmen nee' Polidano imwieled l-Pieta', Malta nhar il-20 ta' April 1978 u li joqghod Namaste, Triq l-Ghansar, Birzebbugia u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 238378(M)

Akkuzat talli nhar it-3 ta' Awissu 2018 ghall-habta tas-saghtejn ta' filghodu (02.00 hrs), gewwa u/jew fid-dintorni ta' l-istabiliment, Cherries, Triq il-Bajja s-Sabiha, Birzebbugia, Malta:

Minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunajt ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Curt Buhagiar hekk kif iccertifika Dr Prince Vaid (Med Reg No. 6025).

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tal-24 ta' Gunju 2019, ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Wara li rat li l- Avukat Generali nhar il-15 ta' Gunju 2020 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputat ghandu jigi aggudikat minn din il-Qorti u jinstab hati u cioe[2]:

a. Fl-artikoli 17 u 31 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-artikoli 214 u 216 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-artikoli 412C u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li matul is-seduta tal-25 ta' Gunju 2020, din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-

[1] Folio 12 u 14 ta' l-atti processwali
[2] Folio 94 ta' l-atti processwali

twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[3]

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar l-1 ta' Dicembru 2020.[4]

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar il-11 ta' Mejju 2021.[5]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni;[6]

Rat li d-difiza ta' l-imputat baqghet qatt ma intavolat nota ta' sottomissjonijiet sal-gurnata ta' l-ghoti tas-sentenza.

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz imur lura ghal nhar it-3 ta' Awissu 2018 ghal-habta tas-saghtejn ta' filghodu fid-dintorni ta' l-istabbiliment, Cherries, li jinsab Birzebbugia meta l-imputat kellu xi jghid ma wiehed Curt Buhagiar. Il-konsegwenza ta' dan il-glied kienet li l-vittma Curt Buhagiar garrab ferita gravi.

[3] Folio 95 ta' l-atti processwali
[4] Folio 96 ta' l-atti processwali
[5] Folio 100 ta' l-atti processwali
[6] Folio 101-102 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2019 xehdet **WPC 219 Erica Galea**, stazzjonata fl-Ghassa taz-Zejtun. Spjegat li nhar it-3 t'Awwissu 2018 ghall-habta tal-11:30hrs waqt li kienet xoghol fl-Ghassa taz-Zejtun giet infurmata li kien hemm argument fi Triq il-Folklor, Birzebbugia. Ix-xhud accediet fuq il-post flimkien ma' membri tat-taqsima tal-RIU. Fuq il-post kien hemm certu Curt Buhagiar li kellu *black eye* fin-naha tal-lemin ta' wiccu. Dan Curt Buhagiar kien flimkien ma' missieru Harold Buhagiar, u meta gie mistoqsi dwar kif giet il-*black eye*, dan stqarr li ghall-habta tas-02:15hrs ta' qabel, huwa kien fil-bitha ta' Cherries Bar, Birzebbuga, fejn safa' msawwat izda minhabba li kien "imlahlah" bix-xorb, ma tantx kien qed jifhem x'kien qed jigri, ghalkemm qal li kien staqsa xi *bouncers* jekk jafux min kien aggredih u dawn qalu li min kien harab mill-*bar*. F'mument minnhom, kien mar fuq Buhagiar l-imputat James Peplow u qallu "ma tridx xi ohra hux?". Fil-passat, Buhagiar kellu argument ma' Peplow minhabba relazzjoni ma tfajla partikolari. In kontro-ezami gie kkonfermat illi s-suspett tal-Pulizija fl-imputat kien mibni fuq l-istqarrija ta' Curt Buhagiar li l-imputat kien mar fuqu u qallu jekk iridx daqqa ohra.

Fl-istess seduta xehed bil-lingwa Ingliza **t-Tabib Dr Prince Viayde**, li b'referenza ghac-certifikat ezebit a Fol 9, stqarr li huwa kien ezamina lill-parte civile Curt Buhagiar mil-lat ta' ENT, fejn kien ikkonstata li n-*nasal septum* kien devjat lejn ix-xellug minhabba trawma li kien sofra. Mill-ezami li kien sar l-indikazzjonijiet klinici, kien irrizulta li l-griehi kienu ta' natura gravi. In

kontro-ezami, ix-xhud iccara li ladarba ma kienx prezenti fuq il-lok fejn wegga' Buhagiar, ma setax jikkonferma x'kienet il-kawza tal-griehi.

Fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2019 xehed **il-parte civile Curt Buhagiar** li spjega li waqt il-festa ta' Birzebbuga tas-sena ta' qabel kien qieghed gewwa Cherries Bar u qala' daqqa ta' ponn minghand l-imputat James Peplow, li huwa seta' jaghraf fl-awla. Spjega li gie aggredit waqt li kien miexi u l-incident inqala' "fuq mara". Ghalkemm fi kliem ix-xhud, l-incident gara ghall-habta tas-01:00hrs, huwa mar jaghmel rapport l-Ghassa aktar tard filghodu. Temm jghid li llum issolvew id-differenzi ta' bejnu u l-imputat James Peplow. In kontro-ezami ikkonferma li fil-lejl tal-incident kien mar Peplow fuqu u qallu "trid ohra".

Fl-istess seduta xehed **l-Ispettur Roderick Attard**, stazzjonat fl-Ghassa taz-Zurrieq. Wara li kien gie nfurmat bl-okkorrenza, ix-xhud baghat ghall-imputat James Peplow. Wara li rrifjuta l-jedd ghall-assistenza legali, Peplow stqarr li huwa missier *single* ta' tlett itfal u Curt Buhagair kellu relazzjoni bil-mohbi ma' dik li hija omm it-tifla tieghu. Qabel li kien ta "daqqa ta' harta" lill-Buhagiar, l-imputat spjega li kien hemm episodju precedenti ma' Buhagiar li huwa ma kienx irrapporta lill-Pulizija. Minkejja dawn l-indidenti, l-imputat kien stqarr li llum l-affarijiet ikkalmaw u huwa jsellem lil Buhagiar.

Fis-seduta tal-20 ta' Frar, 2020 xehed **it-Tabib Dr Mario Scerri**, espert nominat mill-Qorti, li spjega li hekk kif ordnat, huwa ezamina lill-parte civile Curt Buhagiar fl-14 ta' Novembru 2019 u sab li mnieħru ma kienx *deviated* u ma kellux xi nefha. F'dawn ic-cirkostanzi, il-griehi huma ta' natura hafifa. Dan huwa evidenti ukoll mill-fatt li l-parte civile ma marx ghall-appuntamenti ta' *follow-up* li kellu l-Isptar.

Fl-istess seduta xehed **Harold Buhagiar**, missier il-parte civile, li kkonferma li ghall-habta tal-festa ta' Birzebbuga tas-sena 2018 kien sar rapport mit-tifel

tieghu Curt Buhagiar kontra James Peplow. Huwa spjega li filghodu t-tifel kien qam b'wiċċu imbenġel u kkuntattjaw lill-imputat biex jaraw x'ġara u x'ma ġarax. Sa minn dak iz-zmien ikkalmaw l-affarijiet. Ix-xhud ma kienx prezenti meta sehh l-incident.

Fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 2020, xehed **it-Tabib Dr Adrian Mifsud** li b'referenza ghac-certifikat ezebit a Fol 7, huwa kkonferma li nhar it-3 t'Awwissu 2018 fil-17:00hrs huwa kien ezamina lill-parte civile Curt Buhagiar fid-dipartiment tal-emergenza tal-Isptar Mater Dei, fejn dan kellu tbengila fuq in-naha tax-xellug mad-dawra tal-ghajn. Il-griehi gew klassifikati bhala hfief salv kumplikazzjonijiet.

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Illi l-Avukat Generali fir-rinvija ghall-guddizju jindika l-artikolu 214 u 216 bhala dawk l-artikoli li bihom l-imputat ghandu jinstab hati.

L-artikolu 214 tal-Kodici Kriminali jistqarr:

*Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta' offiża fuq il-persuna.*

L-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali jistqarr:

*(1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin –*
*(a) jekk tista' ġġib periklu –*
*(i) tal-ħajja; jew*

*(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew*

*(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; inkella*

*(iv) ta' marda permanenti tal-moħħ;*

*(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

*(ċ) jekk tkun magħmula b'ferita li tidħol f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218;*

*(d) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għaltletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien,iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu;*

*(e) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġiegħelha teħles qabeliż-żmien.*

*(2) Jekk il-persuna offiża tfieq mingħajr ma kienet qatt matulil-marda, f'periklu attwali tal-ħajja jew tal-konsegwenzimsemmijin fis-subartikolu (1)(a), jitqies li l-offiża setgħat iġġibdak il-periklu fil-każ biss illi dan il-periklu kien probabbliminħabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiża.*

Illi fl-artikoli ta' l-Avukat Generali ma hemmx indikazzjoni specifika ta' liema subartikolu fl-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali qieghed jindika li biha ghandu jistab hati l-imputat. Illi, minghajr ma wiehed jikkunsidra ghaliss jekk effettivament il-griehi kienux gravi o meno, bil-fatt li l-Avukat Generali ma jindikax liema wiehed mill-paragrafi huma applikabbli fl-artikolu 216 (1), dan ipoggi lil Qorti f'forma ta' *fishing expedition* biex tiddeduci hi x'inhu l-hsieb tal-prosekuzzjoni u ta' liema kwalifika ta' reat gravi ghandu jinsab hati l-imputat. Illi dan iservi biss biex johloq incertezza fuq il-kaz tal-prosekuzzjoni u jpoggi fid-dubju l-intenzjoni tal-prosekuzzjoni.

Filwaqt li fil-fehma ta' din il-Qorti tali nuqqas ma jgib ebda nullita ta' procedura, il-Qorti tqis li huwa fid-dmir ta' l-Avukat Generali li f'dawn ic-

cirkostanzi jippreciza l-imputazzjonijiet meta jinhargu l-artikolu ghal-gudizzju.

Il-Qorti, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz sejra tqis dak li jghid l-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali ta' Malta, in kwantu jidher li huwa dan li jqarreb l-aktar il-fatti tal-kawza odjerna:

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Fortunato Sultana**[7] fejn il-Qorti ghamel ezami aprofondint tal-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali fejn giet spjegata:

*"Mir-ritratti ezebiti u li ttiehdu ftit hin wara l-incident meritu ta' l-akkuza, jirrizulta bl-aktar mod car li dana Curmi soffra offizi ta' natura gravi fittermini ta' l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Skond din id-disposizzjoni, l-offiza fuq il-persuna hi gravi jekk, fost cirkostanzi ohra, iggib sfregju fil-wicc. Il-Ligi ma tirrikjedix li dana l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari, sfregju fil-wicc (jew fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn) anke ta' ftit granet jibqa' sfregju ghal finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni, il-permanenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal hekk imsejjha "offiza gravissima" skond l-Artikolu 218(1)(b) talKodici Kriminali."*

Fir-rigward, il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li ntqal sussegwentement mill-istess Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich**[8],

*"Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tirrimarka f'okkazzjonijiet ohra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal, per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsejjha 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre lgravita`) ta' l-isfregju. Mir-ritratti*

[7] Deciza 5 ta' Frar 1998
[8] Deciz fit-2 ta' Settembru 1999

*esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkwalifika l-offiza f'wicc Sultana bhala sfregju (ghalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiza kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u kienet tidher minn distanza normali."*

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija**

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-istqarrija[9] ta' l-imputat ittiehdet nhar is-6 ta' Frar 2019, u cioe ftit jiem wara l-incident gewwa l-Ghassa tal-Pulizija, taz-Zurrieq fl-ufficju ta' l-Ispettur Roderick Attard fil-prezenza ta' PC 151 L Scicluna u dan wara li kien inghata s-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghatalu d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni.

Illi wara li l-imputat inghata il-jedd li qabel ma issirilu xi investigazzjoni jithalla, kemm jista jkun malajr, jitkellem privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imb'wicc jew bit-telefon ghall mhux aktar minn siegha zmien, jew fil-prezenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni innifisha, iddikjara li irrinunzjaw milli jezercita dan id-dritt.[10]

Illi fl-istqarrija l-imputat ghazel li jiffirma l-istqarrija tieghu u wiegeb ghad-domandi li sarulu. Illi mill-istqarrija ta' l-imputat jirrizulta li l-imputat ikkonferma li kien involut f'glieda ma Curt Buhagiar barra l-istabiliment 'Cherries' li jinsab Birzebbugia.

L-imputat jispjega li r-raguni tal-glieda kienet ghaliex:

[9] Folios 4-5 ta' l-atti processwali
[10]Folios  ta' l-atti processwali

*"Jiena sirt naf li kellu relazzjoni minn wara dahri ma' dik li illum l-eks tfajla tieghi izda dak iz-zmien kont ghadni f'relazzjoni maggha, tant li kont nghix maghha u hi omm tat-tifla tieghi. Jien qbadt mort fuqhu u tajtu daqqa ta' harta go wiccu."*

…..

*"… x'hin tajtilu rajtu d-demm hiereg minn imniehru imma marki ohra ma rajtx."* [11]

L-imputat ikompli jispjega li dak il-hin *"fis-sakra ma kontx pero' kont xrobt l-akohol naqra mhux hazin"*.

L-ghadha ta' l-incident, il-vittma Curt Buhagiar flimkien ma missieru marru fir-residenza tieghu fejn jghix u dahhlu gewwa u kienu aggressivi mieghu.

Madankollu minn dan l-incident, l-imputat qatt ma rega kellu problemi ma Curt Buhagiar jew xi hadd mill-familjari tieghu u illum il-gurnata u jsellmu lil-xulxin.

L-imputat fl-ahhar jirrimarka li:

*"Jien min-naha tieghi jiddispjacini ta' li gara u very ddispjacut u zejda ghall-kulhadd."*

Illi fir-rapport tal-pulizija bir-referenza NPS 5/J/1453/2018, l-imputat stqarr mal-pulizija li Curt Buhagiar kien *"ghamel hafna hafna hsara lilu u lil familtu u ghalhekk dak il-mument kien hass li ghandu jaghtih daqqa ta' harta go wiccu u jaf li Curt beda joffendih u ghalhekk Peplow qal li qallu trid ohra…"*[12]

[11] Folio 5 ta' l-atti proccesswali
[12] Folio 25 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Provi li tresssqu**

Mix-xhieda ta' WPC 219 Erica Galea irrizulta li dak in-nhar l-incident il-pulizjia gew msejjha sabiex jattendu f'indirizz gewwa l-Birzebbugia fejn instabu l-imputat u Curt Buhagiar. Curt Buhagiar kellu ghajnejnh skura u bid-demm hiereg minn imniehru u spjega lill-pulizija li:

*"dakinhar stess ghall-habta ta' bejn is-saghtejn u kwart ta' filghodu u s-saghtejn u nofs (2.15am-2.30am) kien qieghed gewwa l-Bar Cherries B'Bugia stess, fi Triq il-Bajja s-Sabiha u Kurt qalli li waqt li kien qieghed gol-bitha tal-imsemmi Bar stqarr li ghal ebda raguni u ma jafx ghal xiex gie msawwat u kien induna li ra d-demm hiereg minn go mniehru."*[13]

Curt Buhagiar informa l-pulizija li dak innhar stess kien xorob u *"kien imlahlah"*.

Sa dan il-hin, Curt Buhagiar kien ghadu ma jafx minn tah id-daqqa u beda issaqsi lin-nies. Wara ftit hin tfacca l-imputat u qallu *"Ma tridx xi ohra hux?"*

Skond il-vittma hu u l-imputat kien kellhom argument fil-passat rigward it-tfjala tieghu li kien johrog maghha.[14]

Illi dan kollu gie ikkonfermat fir-rapport tal-pulizija li gie esebit mill-istess xhud[15] kif ukoll mix-xhieda ta' l-ispettur Roderick Attard.[16]

Mix-xhieda ta' Curt Buhagiar irrizulta li l-incident sehh fil-festa ta' Birzebbugia gewwa l-Cherries bar meta qala daqqa ta' ponn minghand l-imputat minhabba mara. In kontro ezami l-vittma stqarr ukoll li l-imputat

---

[13] Folio 16 ta' l-atti processwali
[14] Folio 17 ta' l-atti processwali
[15] Dok EG1, Folio 21-26 ta' l-atti processwali
[16] Folio 41-42 ta' l-atti processwali

mar fuqu u ikkonferma mieghu li kien hu li tah id-daqqa ta' ponn u anke qalu jekk irridix ohra.

Il-vittma stqarr ukoll li:

*"Imma irrangajna kollox jiena u hu tkellimna."*[17]

Missier il-vittma Harold Buhagiar ma kienx prezenti meta sehh l-incident izda ikkorobora l-fatti ta' Curt Buhagiar fix-xhieda tieghu ghaliex l-ghada ta' l-incident Curt Buhagiar kien irrakontalu x'kien gralu.[18]

**Ikkunsidrat**

**Il-griehi tal-vittma**

Il-prosekuzzjoni esebit certifikat mediku mahrug nhar it-3 ta' Awissu 2018 f'isem Curt Buhagiar mill-Isptar Mater Dei mit-tabib Dr. Adrian Mifsud.[19] It-tabib kien ikkonstata l-griehi bhala hfief salv kumplikazzjonijiet hekk kif ikkonfermat fix-xhieda tieghu.[20]

Gie esebit certifikat iehor minn tabib iehor Dr. Prince Vaid f'isem Curt Buhagiar fl-istess gurnata li jindika l-griehi bhala gravi.[21] Illi dan ic-certiikat gie ikkonfermat bix-xhieda tat-tabib stess.[22] It-tabib ikkonferma li l-vittma soffra l-ikbar trawma f'imniehru. In kontro ezami stqarr li ma kienx f'posizzjoni li jikkonferma x'kien il-kagun jew il-mertu ta' l-incident li wasal sabiex kellu dawk il-griehi.

[17] Folio 38 ta' l-atti processwali
[18] Folio 87-89 ta' l-atti processwali
[19] Folio 7 ta' l-atti processwali
[20] Folio 97-98 ta' l-atti processwali
[21] Folio 9 ta' l-atti processwali
[22] Folio 27-30 ta' l-atti processwali

Fuq talba tal-prosekuzzjoni gie nominat tabib espert Dr. Mario Scerri sabiex jezamina lill-vittma dwar il-feriti li garrab. Illi it-tabib espert stqarr li l-ferita ma ghandiex tigi ikkunsidrata bhala gravi hekk kif ukoll ikkonfermat mir-rapport tieghu.[23]

*"Grievous mhijiex. Slight. Ma ghandu xejn. Anqas l-appuntament ma zamm…..X-rays ma ttiehdux, ma hemmx evidenza ta' fratturi, slight."*[24]

**Ikkunsidrat**

Illi mhuwiex ikkontestat li l-imputat ta daqqa ta' ponn lil Curt Buhagiar u dan huwa fatt ikkonfermat mill-imputat stess kemm fl-istqarrija tieghu kif ukoll minn dak li qal lill-pulizija.

Illi l-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju talab lil-Qorti sabiex issib htija ta' l-imputat a bazi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 214 u 216 tal-Kodici Kriminali biss li huwa dwar offiza gravi fuq il-persuna.

Mill-provi esebit irrizulta minn zewg tobba (wiehed minnhom nominat bhala espert tal-Qorti) li l-vittma soffra griehi hfief u mhux gravi.

Illi l-offiza hafifa hija regolata skond l-artikolu 221(1) tal-Kodici Kriminali li tghid:

*L-offiża fuq il-persuna li ma ġġib ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu,titqies li hija ħafifa, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija għalżmien mhux iżjed minn sentejn jew il-multa.*

Madankollu l-Avukat Generali, ghar-ragunijiet tieghu, ma indikax dan l-artikolu 221(1) tal-Kodici Kriminali sabiex jigi ikkunsidrat mill-Qorti kemm bhala imputazzjoni minnu nnifsu, kif ukoll bhala alternattiva ghal-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali.

[23] Dok MS1, Folio 76-86 ta' l-atti processwali
[24] Folio 75 ta' l-atti processwali

Ghaldaqstant kif inhu ben risaput meta Qorti Istruttorja tigi konvertita' f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali li jkun hemm rinviju da' parti ta' l-Avukat Generali, l-Qorti tal-Magistrati tkun marbuta strettament bl-artikolu citati mill-Avukat Generali biss. F'dawn ir-rigward vide is-sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Vella**[25]**, Il-Pulizija vs Enrico Petroni et**[26]**, Il-Pulizija vs Joseph Aquilina**[27] u **Il-Pulizija vs Michael Carter**[28]**.**

Kif ritenut ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Borg**[29]

*"Illi ma hemmx dubju li r-rinviju ghall-gudizzju li jaghmel l-Avukat Generali ghandu jitqies bhallikieku hu att ta' l-akkuza, u hekk kif fuq att ta' akkuza, skond l-artikolu 467 (4) il-guri (jew il-Qorti) tista' ssib htija ta' reat jew reati izghar, basta li dan jew dawn ir-reati jkunu komprizi w involuti f' xi parti ta' l-att tal-akkuza, hekk ukoll il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, **tista' ma ssibx htija skond l-artikoli ndikati fir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali imma ssib htija ta' reat jew reati minuri komprizi u involuti**. Dan ghaliex ir-regoli imsemmija fis-subartikoli (2) u (4) tal-artikolu 467 tal-Kodici Kriminali gew dejjem ritenuti lli japplikaw ghall-Qrati ta' Gustizzja Kriminali kollha."*

Il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi** fejn l-principji li jirregolaw il-klassifikazzjoni ta' griehi ghall-fini ta' proceduri kriminali huma ben stabbiliti fl-ordinament guridiku taghna, fejn jinsab ritenut pacifikatament illi:

[25] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta' Jannar 1996
[26] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-9 ta' Gunju, 1998
[27] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-24 ta' April, 2002
[28] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-7 ta Dicembru, 2001
[29] Moghtija fl-10 ta' Novembru 2005

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant talfatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fiddawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."*[30]

Di piu fis-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Dingli**[31] intqal:

*"… ghall-finijiet tal-artikolu 216 jekk hemmx sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant … u dan kien perfettament intitolat li jasal ghal konkluzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-Qorti."*

Anke fis-sentenza **Il-Pulizija vs Gavin Spagnol**[32] inghad hekk:

*Illi kwantu ghall-fatt illi fin-nota tieghu tar-rinviju ghall-gudizzju, l-Avukat Generali ma indikax specifikatament l-Artikolu 221 tal-Kap. 9 li jipprospetta r-reat ta' offiza hafifa fuq il-persuna, il-Qorti tqis li huwa evidenti anke mid-definizzjoni tal-offiza ta' natura hafifa - li fl-istess Artikolu 22130 hija mfissra bhala offiza li ma ggib ebda wahda mill-konsegwenzi ta' offizi li huma klassifikati bhala gravi jew gravissimi - illi dan ir-reat huwa wiehed minuri **li huwa kompriz fir-reati iktar gravi prospettati fl-Artikoli 216 u 218 tal-Kap. 9**.*

Ghaldaqstant wara li l-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha mressqa u semghat ix-xhieda kollha tara li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova li l-imputat ikkaguna ferita gravi lil Curt Buhagiar izda in kwantu r-reat ta' offiza

[30] Qorti tal-Appell Kriminali, deciza 30 ta' Lulju 2004
[31] Deciza fit-12 ta' Settembru 1996
[32] Deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-8 ta' Jannar 2020

hafifa huwa wiehed kompriz fir-reat ta' offiza gravi, minkejja li mhux espressament indikat mill-Avukat Generali, din il-Qorti tqis li jirrizulta car li l-imputat wettaq reat ta' offiza hafifa fil-konfront tal-parte civile.

**Ikkunsidrat**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

-L-imputat wera dispjacir ghall-imgieba tieghu ma' l-ewwel hekk kif irrizulta fl-istqarrija tieghu u fir-rapport tal-pulizija:

*"Jien min-naha tieghi jiddispjacini ta' li gara u very ddispjacut u zejda ghall-kulhadd."*[33]

*"Peplow beda jghid illu jistqarr illi jhsossu iddispjacut hafna ta' ghemilu u ta li ghamel il-Curt, izda qal li huwa ilu jsofri ghall-dawn l-ahhar sentejn minhabba Curt."*[34]

-Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat.[35] Filwaqt li l-fedina penali ta' l-imputat mhiex netta ma jirrizulta xejn alarmanti u ma hemmx registrati sentenzi relatati ma din it-tip ta' imputazzjoni.

- Il-vittma stqarr fix-xhieda tieghu li minn dak in nhar ta' l-incident kienu tkellmu u rrangaw l-affarijiet bejniethom.[36]

Il-piena applikabbli ghall-offiza hafifa taht l-artikolu 221 (1) kienet, qabel April 2018, sa tliet xhur prigunerija. Bl-Att XIII tal-2018, li dahal fit-30 ta' April

[33] Folio 5 ta' l-atti processwali
[34] Folio 25 ta' l-atti processwali
[35] Folio 3 ta' l-atti processwali
[36] Folio 38 ta' l-atti processwali

2018, il-piena saret sa massimu ta' 5 snin izda ftit wara, fl-20 ta' Lulju 2018, bl-Att XXXII tal-2018, il-piena regghet giet ridotta ghal sentejn. B'hekk il-piena applikabbli ghal dan il-kaz hija dik kif tidher sallum fil-Kodici Kriminali taghna, ossija sa sentejn prigunerija jew il-multa.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 214, 216, 412C, 383, u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil James Peplow hati tal-imputazzjoni dedotta kontrieh izda in kwantu kkaguna offiza ta' natura hafifa fil-konfront tal-vittma Curt Buhagiar u, bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor ghall-perjodu ta' sena wahda (1) millum.

Ai termini tal-artikolu 22 (3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tfisser bi kliem li jinftiehem sew lil James Peplow illi jekk huwa jaghmel reat iehor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kundizzjonata, huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.

In kwantu gew indikati l-artikoli 412C u 533, din il-Qorti tqis li l-artikolu 412C mhuwiex applikabbli u peress li, b'rizultat tal-hatra tal-espert Dr. Mario Scerri, irrizulta li l-griehi gravi originarjament indikati mill-prosekuzzjoni ma jirrizultawx, din il-Qorti mhijiex ser tordna l-hlas ta' l-istess spejjez a karigu tal-imputat.

**Moghtija illum nhar it-12 ta' Ottubru 2021 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**